1 ta' April 2020

**Jintlaħaq ftehim: Il-prezz tal-gass ta' Liquigas issa jiswa €15 għal ċilindru ta' 12kg**

Matul laqgħa kordjali llum imsejħa minn Liquigas Malta Ltd biex tiċċara s-sitwazzjoni fir-rigward tal-prezz tal-gass, il-Ministru għall-Enerġija u r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), fehmu l-pożizzjoni ta' Liquigas, li hi l-fornitur ewlieni tal-gass f'Malta.

Liquigas irringrazzjat lill-Ministru u lir-REWS talli apprezzaw iċ-ċirkostanzi operattivi tagħha.

Wara kjarifiki uffiċjali, kien hemm qbil reċiproku li l-prezz tal-gass f'ċilindru ta' 12kg ta' Liquigas se jkun ta' €15.

**Tmiem**